MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Numru. 950/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**
**KONTRA**

**DANIEL CALLEJA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Daniel Calleja ta’ 64 sena, bin Angelo u Carmela nee’ Agius, mwieled nhar it- 8 ta’ Awwissu 1944, Mosta, residenti fil- fond 26, Petunia, Triq is- Seqer San Gwann u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 702444(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’dawn il- Gzejjer u cioe nhar it-22 ta’ Gunju 2009, fl-10.00am gewwa l- ghassa tal- Pulizija Sliema, iddenunzja lill Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, nkella b’qerq holoq it- tracci ta’ reat b’ mod li setghu inbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir- reat kien sar.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti l-Qorti m’ghandha ebda dubju li l-imputat ghamel rapport falz lill-Pulizija fid-data u l-lok indikati, izda tajjeb li c-cirkostanzi partikolari ghall-ahhar ta’ dan il-kaz jigu ezaminati sew. Nhar il-21 ta’ Gunju 2009, l-imputat kien involut f’ incident fejn gew aggrediti hu flimkien ma’ martu u oht il-mara li kienu rekbin fil-vettura tieghu, u l-vettura saritilha hsara fuqha. Dan kollu hu spjegat fl-istqarrija tieghu. Izda minnflok ma ghamel rapport tal-incident, l-ghada ghamel rapport ta’ “hit and run” mal-Pulizija ta’ Tas-Sliema, ghax beza’ li dan l-individwu li kien aggredihom seta’ jerga’ jaghmel l-istess. Madankollu aktar tard dakinhar kellu ripensament u fil-fatt mar ghamel ir-rapport proprja fl-Ghassa tal-Mosta, u sussegwentement ittiehdu passi kontra tieghu talli ghamel rapport falz. Il-Qorti ghalhekk tifhem li, ghalkemm teknikament ir-reat jissussisti, hemm kunsiderazzjonijiet li ghandhom jitqiesu sew mill-Qorti. Il-verzjoni moghtija mill-imputat irrizultat ikkorroborata anke minn provi ohra prodotti quddiem din il-Qorti, li tinsab konvinta li dak li ghamel l-imputat kien frott ta’ biza’ u ma sar b’ ebda hazen jew skop illecitu minnu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 110 (2) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bla kundizzjoni, ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------